MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2011

Rikors Numru. 342/2011

**Stephen Busuttil Naudi**
**vs**
**Direttur Qrati Civili u Tribunali, Dottor Stephen Thake, PL Melissa Anastasi, Dottor Edward Debono, PL Sacha Guillaumier u**
**b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2011 giet kjamata in kawza Angela Busuttil Naudi**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tas-7 ta' April 2011 li jghid hekk:

1. Illi r-rikorrenti jaghmel referenza ghat-taxxa ufficjali maghmula nhar l-14 ta' Marzu 2011, kif ordnata minn PL Sacha Guillaumier li qieghed jigi hawn anness bhala dokument SYS1;

2. Illi l-avukat Dr Stephen Thake LLD li huwa avukat patrocinanti tal-konvenuta baghat it-taxxa in kwistjoni flimkien ma' ittra ghall-hlas fejn bl-akbar rispett ir-rikorrenti qieghed jikkontesta l-ammont. Illi kopja ta' din l-ittra flimkien mat-taxxa hija annessa bhala dok. SYS2;

3. Illi din it-taxxa markat hawn bhala dokument SYS1 qieghda tigi kontestata, stante l-fatt li din it-taxxa ma saritx skond is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla Tal-Qorti Civili nhar l-24 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Stephen Busuttil Naudi vs Angela Busuttil Naudi citaz. 20/2002NC;

4. Illi r-rikorrenti kellu bil-fors jaghmel dan ir-rikors stante t-terminu li jezisti fil-ligi skond l-artikolu 64(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk ma kellha ebda ghazla ohra ghajr li tintavola tali rikors;

5. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti huwa tal-opinjoni li meta gie kalkolat din it-taxxa in kwistjoni ma giex kalkolat il-fatt li din il-kawza hija wahda li taqa’ taht l-Iskeda A paragrafu 1 subinciz (a) tal-Kap. 12;

6. Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti jeccepixxi dak li gie dikjarat fis-sentenza moghtija mill-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) fl-ismijiet Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti (Ghawdex) b'rikors numru 9/2009 moghti mill-Onor Magistrat Tony Ellul LLD nhar id-29 ta' Jannar 2010. Illi kopja ta' din is-sentenza qieghda tigi hawn annessa bhala dokument SYS3;

7. Illi f'din is-sentenza hawn fuq imsemmija, l-Qorti Tal-Magistrati (Ghawdex) ddikjarat li hawnhekk si trattiamo ta' likwidazzjoni ta' assi tal-komunjoni tal-akkwisti wiehed u cjoe' tal-konjugi Busuttil Naudi u ghalhekk ghalkemm ir-rikors guramentat/citazzjoni u l-kontrotalba huma zewg kawzi indipendenti, pero' hawnhekk qieghed isir process wiehed u t-talba originali u l-kontrotalba jigu decizi fl-istess kawza;

8. Illi f'din is-sentenza l-Qorti ghamlet referenza ghall-paragrafu 16 ta' Tariffa E fejn f’kawzi ta' divizjoni ta' proprjeta' indipendentement mill-ghadda ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors ghandu jigi ntaxxat dritt wiehed biss 'ad valorem' bhal fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjeta' li ghandha tigi maqsuma’;

9. Illi f’din il-kawza l-Qorti rriteniet li m'huwiex korrett li d-dritt tal-avukat u tal-prokuratur legali ghandu jigi ntaxxat darbtejn ad valorem u dana peress li din il-likwidazzjoni qed issir darba biss u li dwarha tinghata decizjoni wahda u iktar u iktar meta t-talbiet huma fformulati fuq talbiet identici;

10. Illi r-rikorrenti ghandu wkoll ilment fejn hemm xi whud mir-rapporti ta' Periti mahturin fil-kawza bhal dawk ta' Perit Valerio Schembri, Dr Ramona Frendo kif wkoll tal-Perit Komputista John Bonnici li gew imhallsin interament minn Stephen Busuttil Naudi u dan ghandu jigi rifless fit-taxxa in kwistjoni, kif ser jigi muri fil-kawza;

11. Illi r-rikorrenti qieghed jitlob biss li d-Direttur Qrati Civili u Tribunali jaghmel l-inkarigu tieghu korrettement fejn in virtue tas-sentenza moghtija nhar l-24 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Stephen Busuttil Naudi vs Angela Busuttil Naudi citaz. 20/2002NC, jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli tawtorizza u temenda u tohrog taxxa gdida kif ghandha tigi emendata u dan taht dawk il-provvedimenti opportuni u necessarji li din il-Qorti tidrilha xierqa fic-cirkostanzi;

12. Illi ghal dan ir-raguni kellha ssir dan ir-rikors;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobgha:

1. Tiddikjara skorretta t-tassazzjonijiet ta' drittijiet u spejjez maghmula tal-14 ta' Marzu 2011 fil-kawza

Stephen Busuttil Naudi vs Angela Busuttil Naudi, moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja);

2. Tordna lill-istess intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali jerga’ jaghmel mill-gdid it-taxxa ufficjali tal-Qorti fil-kawza tal-24 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Stephen Busuttil Naudi vs Angela Busuttil Naudi bir-rikors guramentat numru 20/2002 kif ukoll il-kontrotalba sia dawk tar-Registru kif ukoll dawk li huma drittijiet professjonali u spejjez;

Bl-ispejjez kontra l-istess Direttur Qrati Civili u Tribunali;

Rat is-risposta tal-avukat Edward Debono u PL Sacha Guillaumier li rrimettaw ruhhom ghad-decizzjoni tal-Qorti u fi kwalunkwe kaz ma kellhomx ibatu spejjez;

Rat ir-risposta ta’ Dr Stephen Thake u PL Melissa Anastasi li rrispondew li l-gudizzju mhux integru ghax Angela Busuttil Naudi mhix imsemmija fir-rikors. Fil-mertu rrispondew li t-taxxa hi gusta;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali li jghid hekk:

1. Illi, preliminarjament, it-talbiet attrici huma nsostenibbli peress li ghalkemm l-azzjoni giet diretta kontra l-eccipjenti t-tieni talba attrici hija rivolta fil-konfront tad-Direttur Generali tal-Qorti il che mhux parti fil-proceduri u ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghux jigu akkolti u l-eccipjenti ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-Gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta inhadmet b'mod korrett u skond il-Ligi u l-prassi f’dawn il-kazijiet b'dan illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti m'ghandux isofri ebda spejjez ta' tali azzjoni u/jew korrezzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza de quo hija ntempestiva in kwantu dato ma non concesso li jkun hemm lok ghal xi korrezzjoni jew revizjoni tat-taxxa l-

esponent huwa dejjem dispost jirrikonsidra mill-gdid il-mod kif tkun inhadmet taxxa u fil-kaz in dizamina l-esponent ma giex avvicinat ghal dan il-ghan qabel ma ntavola l-kawza odjerna u ghalhekk huwa m'ghandux ibati ebda spejjez;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog dina l-Onorabli Qorti, izda f'kull kaz l-esponent m'ghandux isofri spejjez ta' dawn il-proceduri;

5. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-kjamata in causa Angela Busuttil Naudi tal-15 ta' Novembru 2011 li eccepiet illi t-taxxa hi korretta  u li inoltre zball fl-atti ma jistax jigi sanat bl-istitut tal-kjamat. Din l-ahhar eccezzjoni giet irtirata fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2011;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz in-noti u dokumenti;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2011.

**Eccezzjoni dwar l-isem tal-intimat Direttur Qrati Civili u Tribunali**

It-tieni talba attrici hi maghmula fil-konfront tad-Direttur Generali tal-Qorti. Dan jidher li hu zball u fil-fatt gie korrett b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Ottubru 2011.

**Mertu**

Il-mertu dwar it-taxxa tal-avukat u prokuratur legali in kwantu ghal valur naxxenti mill-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti giet trattata b'mod car u fid-dettal fil-kawza **Violet Camilleri vs Registratur tal-Qorti Ghawdex** deciza fil-29 ta' Jannar 2010 AE. Dik il-kawza kienet bhal din cioe titratta kawza ta' separazzjoni personali fejn fil-kawza promotrici u fil-kontrotalba intalab ix-xoljiment u qasma tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-Qorti f'dik il-kawza,

bhal din, intaxxat il-komunjoni ad valorem darbtejn, cioe kemm fil-kawza u kemm fil-kontrotalba. Il-Qorti, f'dik il-kawza qalet hekk:

M'hemmx dubju li rikonvenzjoni tiswa daqs kawza. Tant hu hekk li jekk l-attur jirrinunzja ghall-atti, il-konvenut ghandu l-jedd li jitlob li tigi deciza l-kontro-talba. Jedd li ma jezistix jekk ma tkunx saret rikonvenzjoni u l-attur jirrinunzja ghall-kawza bla kondizzjoni. Pero' hu minnu wkoll li f'kaz ta' rikonvezjoni qieghed isir process wiehed u t-talba originali u l-kontro-talba jigu decizi **fl-istess kawza** (Artikolu 397 tal-Kap. 12).

Skond il-paragrafu 16 ta' Tariffa E, *"f'kawzi ta' divizjoni ta' proprjeta' indipendentement mill-ghadd ta' talbiet li jkun hemm fir-rikors* ***ghandu jigi intaxxat dritt wiehed biss ad valorem*** *bhal fil-paragrafu 13 fuq l-akbar somma bejn l-attiv u l-passiv tal-proprjeta' li ghandha tigi maqsuma."*. Ghalkemm hu minnu li:-

(a) F'kawza ta' separazzjoni ma ssirx biss id-divizjoni tal-gid tal-komunjoni tal-akkwisti, il-firda ggib maghha tterminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tal-gid bejn il-konjugi. Dan l-ezercizzju hu wiehed mill-oggetti principali tal-kawza.

(b) Paragrafu 16 isemmi "rikors", pero' l-qorti hi tal-fehma li daqstant iehor ghandu japplika meta t-talbiet jirrizultaw minn rikonvenzjoni. Ir-raguni wara din ir-regola jidher li hu li rrispettivament min-numru ta' talbiet li jkollhom x'jaqsmu ma' valur, fir-realta' fil-process ta' divizjoni jsir ezercizzju wiehed li permezz tieghu ssir illikwidazzjoni tal-proprjeta kollha li ghandha tinqasam. Permezz tal-likwidazzjoni jigi stabbilit il-valur tal-proprjeta', u d-dritt jigi ntaxxat fuq dak il-valur ghal darba wahda biss. Ragunament li l-qorti temmen li ghandu japplika wkoll filkaz ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u divizjoni tal-gid bejn il-konjugi.

Inoltre, fis-sentenza il-qorti taghti decizjoni wahda dwar it-talbiet relatati mat-terminazzjoni u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u l-mod kif ghandha ssir id-

divizjoni. Dan irrispettivament ta' kemm-il talba ssir f'dan ir-rigward. Hu fatt li fil-gurispurdenza hu rikonoxxut li:-
(a) It-tassazzjoni tal-onorarju tal-avukat u drittijiet tar-registru huma bazati fuq id-domandi li jsiru;
(b) Wiehed m'ghandux jillimita ruhu ghad-domanda li ssir fl-att gudizzjarju li bih tinbeda l-kawza, izda ghandu jara wkoll s-sens tal-kompless tal-kontroversja li fuqha ghandha tinghata decizjoni;

pero' paragrafu 14 ta' Tariffa E, jaqra:-*"Meta* ***dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt,*** *ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process,* ***id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni*** *jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."*. Hu evidenti li d-dritt jithallas ghad-decizjoni li taghti l-qorti, kemm jekk ikun dwar xi punt ta' fatt jew ta' dritt. Fis-sentenza l-qorti ser tkun qeghda tiddeciedi t-talbiet li jirrelataw ghall-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara l-konsistenza taghha u cjoe' l-valur tal-proprjeta. Id-dritt ghal **tali decizjoni** hu regolat mill-paragrafu 13 tat-Tariffa E. Dwar il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti, li hu punt ta' fatt, id-decizjoni hi wahda rrispettivament min-numru ta' talbiet u jekk saritx rikonvenzjoni.

Ghal din il-qorti m'ghandux ikun li d-dritt tal-avukat jigi ntaxxat darbtejn *ad valorem* ghal ezercizzju li ser isir **darba biss u li dwaru tinghata decizjoni wahda, u iktar u iktar meta bazat fuq talbiet identici**.

Din il-Qorti ma ghandhiex x'izzid fuq dan il-punt u taqbel perfettament mal insenjament tal-Qorti fis-sentenza precitata.

Jibqa' t-tieni lment cioe dwar hlasijiet li saru lil periti gudizjarji esklussivament mir-rikorrenti u li l-Qorti ma rriflettietx dan fit-taxxa. Ma ngiebu ebda provi mir-rikorrenti biex jissostanzjaw dan. Anzi l-Qorti wara li fliet it-taxxa mertu ta' din l-azzjoni jirrizultalha illi l-ispejjez tal-periti gudizjarji msemmija mir-rikorrenti huma elenkati fit-taxxa, fil-kolonna skond minn min thallsu u ghalhekk il-Qorti ma tirraviza ebda nuqqas.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici u tordna lid-Direttur tal-Qrati Civili u Tribunali johrog taxxa gdida emendata in linea ma' dak hawn deciz.

Bl-ispejjez jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------